

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 107/2011

tat-30 ta' Settembru 2011

li temenda l-Anness XXI (Statistika) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikulari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness XXI tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 89/2011 tal-1 ta' Lulju 2011 ⁽¹⁾.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 263/2011 tas-17 ta' Marzu 2011 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 458/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sistema Ewropea tal-istatistika integrata tal-ħarsien soċjali (ESSPROS) fir-rigward tat-tnedija ta' ġabra kompluta ta' dejta għall-modulu tal-ESSPROS dwar il-benefiċċji netti tal-ħarsien soċjali ⁽²⁾, għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-punt li ġej għandu jkun inserit wara punt 18uc (Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 110/2011) tal-Anness XXI tal-Ftehim:

"18ud. **32011 R 0263**: Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 263/2011 tas-17 ta' Marzu 2011 li jimplementa

r-Regolament (KE) Nru 458/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sistema Ewropea tal-istatistika integrata tal-ħarsien soċjali (ESSPROS) fir-rigward tat-tnedija ta' ġabra kompluta ta' dejta għall-modulu tal-ESSPROS dwar il-benefiċċji netti tal-ħarsien soċjali (ĠU L 71, 18.3.2011, p. 4)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (UE) Nru 263/2011 li għandhom jiġu ppubblikati fl-ilsien Islandiż u dak Norveġiż fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2011, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Settembru 2011.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Kurt JÄGER

⁽¹⁾ ĠU L 262, 6.10.2011, p. 61.

⁽²⁾ ĠU L 71, 18.3.2011, p. 4.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.